**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dorianne Tabone]**
**[Spettur Sherona Buhagiar]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 192/2022**

**Illum, sebgha (7) t'Ottubru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- bil-karta tal-identità numru -Omissis- akkuzat talli nhar it-12 ta' April 2022 u/jew fix-xhur u s-snin ta' qabel gewwa l--Omissis- u/jew dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li**

**jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

1. **Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' minuri u cioe' -Omissis- li tghix fl-istess dar mieghu, liema reat sar ripetutament**

   ***Art. 207, Art 202 (g)(h)(v)(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, issoggetta lill-minuri u cioe' -Omissis-, ghal xi att ta' intimita' fizika, liema delitt twettaq ripetutament;**

   ***Art. 251A (1)(c), Artikolu 251H (b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

3. **U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi issoggetta lill-minuri u cioe' -Omissis- ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluz kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema delitt twettaq ripetutament**

*Art. 251A (1)(e) Art. 251H (b)(d), Art. 251 HA, Art. 202 (g)(h)(v)(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**U aktar talli nhar it-12 t'April 2022 ghal habta tal-hinijiet ta' bejn id-09:00hrs u l-11:00hrs gewwa l--Omissis- u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin**

4. **Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lill-partner tieghu u cioe' -Omissis- jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni**
   **Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

5. **Ghamel ingurji jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali -Omissis- jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni**
   *Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6. **Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali -Omissis- jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni**
   *Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-**

**Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-allegata vittma -Omissis- u l-familjari taghha;**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;**

**Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' Marzu, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 207, 202(g)(h)(v)(j) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 251A(1)(c), 222(1)(a), 202(g)(h)(v)(j), 251H(b)(d), 251HA tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 251A(1)(e), 222(1)(a), 202(g)(h)(v)(j), 251H(b)(d), 251HA tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet lil **PS2007 Theresa Farrugia** li spjegat illi kienu gew id-Depot il-minorenni -Omissis- flimkien ma' ommha u ohtha fejn gew jaghmlu rapport li l-partner ta' ommha u cioè -Omissis- kien abbuziv lejhom billi beda jghajjarhom u jheddidhom. Il-minuri ziedet qaltilhom li l-imputat kien isawwat u jahqar il-kelb tieghu u ziedet ukoll illi xi daqqiet l-imputat kien jghajjtilha biex tmur hdejh fil-kamra tas-sodda t'ommha biex jitkellmu. Din qaltilha illi kienet toqghod bilqieghda fuq is-sodda fejn kien ikun hemm -Omissis- fejn hu mbaghad jersaq lejha u jghidilha li jhobbha. Tghid ukoll illi -Omissis- kien imbaghad jitfa' jdejh fuq idejha u jibda jorokhielha bil-mod biex imbaghad jitla' lejn spallitha u jnizzel idejh ghal sidirha fejn kien anke jaghfasulha. Dan anke sar taht il-flokk taghha. Il-minuri qalet lix-xhud li dawn l-affarijiet graw anke darbtejn fejn darba minnhom kienet haditlu ritratt propju jaghmel dan il-moviment. Meta x-xhud staqsiet lill-minuri ghalxiex kienet hadet dan ir-ritratt, din kienet spjegatilha li haditu ghax hasbet li hadd ma kien ser jemminha. Darb'ohra tirrakonta li l-imputat qal lill-minuri l-kliem "Ara ma nkunx naf li qieghda taghmel xi haga" u qabad idejh fuq il-parti taghha. Finalment il-minuri kienet ukoll irrakkontat illi kien dahal darbtejn fil-kamra tal-banju fuqha fejn darba

minnhom kienet fuq it-toilet u qaltlu biex johrog u darb’ohra kienet qed tinhasel u xhin qaltlu biex johrog dan dam ftit fejn imbaghad hareg. Finalment ix-xhud ipprezentat dokument TF1 li huwa ritratt li juri id ta’ ragel identifikata permezz ta’ cappetta tad-deheb u curkett tad-deheb qieghda tmiss sider ta’ tfajla b’kelb fuqha. Din il-minuri -Omissis- kienet ikkonfermat li kienet hi u l-id kienet tal-imputat.

Xehdet ukoll il-minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjoviziva fejn ikkonfermat ir-rapport li kienu ghamlu nhar it-tnax (12) t’April 2022 minhabba glied u theddid mill-imputat u qalet illi hija kienet ilha li xtaqet taghmlu izda kienet tibza’, però meta hija harget mid-dar dakinhar u cemplet in-nannu taghha dan gie ghalihom u hadhom id-Depot.

Fuq ir-rapport tat-theddid tghid illi dakinhar hi u ommha kienu gol-kcina u f’daqqa u l-hin il-kelb beda jinbah u l-imputat qam jghajjat li ma setax jistrieh. Tghid illi ftit wara cempillu l-mobajl u mbaghad gie jghajjat maghhom u meta din irrispondietu hu offendiha b’missierha u mbaghad iddecidiet li tmur barra mid-dar fejn qabel dan qallha “Ara jigi missierek ghax nifqaghlu wiccu”. Minn hemmhekk harget mid-dar u cemplet lin-nannu taghha. Tghid illi wara li harget mid-dar l-imputat u ommha xorta baqghu

jargumentaw izda ma kinitx taf x'qed jghidu. Tghid ukoll illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat offendihom izda ommha minn dejjem kienet tibza' minn xi vendikazzjoni.

Fuq il-kwistjoni l-ohra l-minuri kkonfermat ir-ritratt immarkat bhala Dok. TF. Tghid li dakinhar meta hadet ir-ritratt ma tiftakarx jekk ommha kinitx qed issajjar jew fuq il-bejt u l-imputat ghajjtilha biex tmur hdejh fil-kamra tas-sodda t'ommha. Tghid illi per ezempju l-ewwel darba li grat kienu fuq is-sodda u *"hu kien fin-naha l-ohra u mbaghad qisu l-ewwel beda jdawwar idu mieghi u jmissni naqra spallti u hekk u mbaghad bil-mod beda qisu niezel hekk u beda jmesmisli sidri mbaghad beda qisu aktar jaghfsu u emm imbaghad beda itella idu minn taht il-hwejjeg u kompla speci ta' jaghfasli sidri taht il-hwejjeg u. . .* [1]. Hija tghid li dakinhar kienet gabitlu skuza u telqet minn hdejh. Tghid li dan kien fis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) meta hija kellha hmistax (15)-il sena.

It-tieni darba li grat kien fl-ahhar tas-Sajf u rega' ghajjtilha u rega' ghamel dawk l-affarijiet izda nizzel idejh aktar 'l isfel taht iz-zaqq u mbaghad messilha l-warrani minn fuq il-hwejjeg.

[1] Fol. 46.

It-tielet darba tghid li kien Dicembru u li hija l-istess darba meta kienet hadet ir-ritratt. Tghid illi rega' ghajtilha u maghha hadet il-kelb u meta beda jmissha bhas-soltu beda jkellimha u jsaqsiha jekk qattx kienet ghamlet xi haga sesswali ma' xi hadd u hi tghid illi hassitha skomda u biddlet id-diskors fuq il-kelb u hemmhekk hadet ir-ritratt. Hija kkonfermat illi l-id li qed taqbad sidirha li kienet liebsa cappetta u curkett tad-deheb kienet tal-imputat. Din tghid illi l-imputat ma kienx induna li kienet hadet dan ir-ritratt ghaliex dan kien ikun b'ghajnejh maghluqin meta kien jaghmel dawn l-atti. Ix-xhud ipprezentat kopji tar-ritratti li kienet hadet.[2] Fuq domanda tal-prosekuzzjoni il-minuri spjegat il-ghan ghalxiex kienet iddecidiet li tiehu dan ir-ritratt u dan sabiex meta jiddeciedu li jaghmlu rapport hija jkun jista' jkollha l-provi f'kaz jekk ma titwemminx. Tghid ukoll illi hija kienet tibza' minnu ghaliex kien mill-ewwel jibda jirrabja u jhedded.

Fuq affarijiet ohra hija tghid illi l-imputat kien il-hin kollu joqghod bil-qalziet ta' taht id-dar kif ukoll kien ta' spiss jitkellem doppju sens. Kien ukoll darbtejn dahal fuqha meta hija kienet fil-kamra tal-banju meta hija kienet qed tinhasel. Darb'ohra dahal f'din il-kamra meta hija kienet qed taghmel il-bzonnijiet taghha bl-iskuza biex

[2] Dok. CZS1 A, B, C u D, CZS 2, CZS 3, CZS 4.

tikkonnektjalu l-kamera li taqbad mad-dar. F'dik l-okkazjoni meta hija tellghet il-qalziet huwa qallha "*ha toqghod tghatti".*[3] Hi tghid li kien hemm drabi fejn marret tinhasel ghand in-nannu taghha b'xi skuza li ma kellhomx mishun.

Finalment darba minnhom tghid illi kienu fil-karozza u l-imputat beda fuq affarijiet personali jekk kellha x'taqsam ma' xi hadd u kliem iehor bhal perezempju li kien ser jaghmillha baby u mbaghad qallha ghall-boyfriend taghha biex ma thallihx jaghmillha hekk u fil-pront qabadha mill-parti taghha. Hi tghid illi f'dak il-hin imbuttatu.

Fuq domandi inkontroezami -Omissis- kkonfermat li hija qatt ma ndahlet fir-relazzjoni ta' bejn ommha u l-imputat izda ftit wara dan beda bl-ghajjat u t-theddid u t-tmesmis fuqha. Tghid illi darba wahda anke hedded lil huh li kien ser ihanxru u minn hemmhekk bdiet aktar tibza' minnu. Tghid ukoll illi -Omissis- kien jittratta lilha ahjar minn ohtha u kienet tiddejjaq meta kienet tara lilu jghajjarha u jbaxxilha s-self esteem.

Xehdet ukoll oht -Omissis- u cioè **-Omissis-** ta' hmistax (15)-il sena u tghid illi dakinhar ta' meta ghamlu r-rapport

---
[3] Fol. 60.

l-imputat beda jghid lil ommha li hija kienet ghazziena ghaliex ma kinitx marret tixtri dak li kien qalilha l-gurnata ta' qabel. Meta huwa mbaghad mar jorqod u hi, ohtha u ommha kienu fil-kcina l-kelb beda jinbah u hu qam u beda jirrabja ma' ohtha sakemm din harget mid-dar. Wara ommha u -Omissis- baqghu jargumentaw u x-xhud tghid illi hija bdiet tirrekordja x'kienu qeghdin jghidu bil-mobajl taghha. Hija kkonfermat illi r-relazzjoni taghha mal-imputat ma kinitx tajba hafna ghax hu kien dejjem jghajjarha. Ikkonfermat ukoll illi l-kamra tal-banju ma kinitx tissakkar ghax ma kellhiex cavetta.

Xehdet ukoll __**-Omissis-**__ li kkonfermat dak li kienu qalu t-tfal taghha a rigward l-argument li nqala' fit-tnax (12) t'April sa meta marru jaghmlu r-rapport flimkien mal-papà taghha. Izzid ukoll illi dawn l-argumenti kienu ilhom li bdew minn Frar ta' qabel fejn ta' spiss l-imputat kien jaghmel theddid lejha u ghal kull tip ta' argument kien jheddidha billi jghidilha li ser ikissrilha l-karozza jew li ser idahhaq in-nies biha fuq il-post tax-xoghol. Tghid li ma kienx jimpurtah jekk kinux ser johorgu ghaliex kien idum kemm irid jipprepara anke jekk sarilhom il-hin u kien jitkellem hazin hafna u kien ikun aggressiv ghal kull haga ta' xejn. Hija tispjega illi tahdem bhala infermiera u l-granet taghha huma day, night, rest, off filwaqt illi -

Omissis- ma kellux hinijiet ghaliex huwa xufier tat-taxi. Tghid illi bil-kwistjoni tat-tbaghbis fuq it-tifla taghha qatt ma kienet konxja u li l-ewwel darba li semghet b'dawn l-affarijiet kien fid-Depot.

Xehdet is-social worker **Sarah Xuereb** fejn l-involviment taghha kien li dakinhar tar-rapport kellha takkumpanja lill-minuri -Omissis- u -Omissis- id-Depot tal-Pulizija u rrakkontat dak li kienu semmew il-minuri fid-Depot u li kienu l-istess fatti li xehdu dawn it-tnejn fil-Qorti.[4]

**Dr Katya Vassallo** nominata mill-Qorti sabiex tittraskrivi l-istqarrija tal-imputat ipprezentataha bil-gurament bhala Dok. KV1.[5]

Semghet lill-**Ispettur Dorianne Tabone** fejn ipprezentat ittra bid-drittijiet, mandat t'arrest u tifttxija u brazzuletta ta' lewn tad-deheb.[6] Hija pprezentat ukoll f'seduta sussegwenti l-att tat-twelid tal-minuri -Omissis-.[7]

**Ikkunsidrat:**

[4] Vide Dok. SX1 pprezentat mix-xhud.
[5] Fol. 197 – 225.
[6] Dok. DT1, DT2 u DT3.
[7] Dok. DTX.

Illi r-reat ta' attivitajiet sesswali ma' minuri minghajr il-kunsens huwa regolat bl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi s-segwenti:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi l-Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 senjatament is-subartikoli msemmija mill-Avukat Generali fin-nota fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom ghandha tinstab htija jistipulaw:

> *"Il-piena stabbilita ghad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, tizdied bi grad sa zewg gradi fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(a) meta l-hati jkun inqeda bil-kwalità tieghu ta' ufficjal pubbliku, jew meta jkun seftur tal-persuna offiza, b'salarju jew hlas iehor, jew kull*

*persuna ohra li b'xi mod iehor abbuzat mill-awtorità taghha fuq il-parti offiza;*

*(b) meta d-delitt isir minn axxendent, tutur, jew istitur;*

*(c) meta d-delitt isir fuq prigunier mill-persuna li jkollha l-inkarigu tal-kustodja jew tat-trasport ta' dak il-prigunier;*

*(d) meta l-hati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jigi mghejjun minn persuna wahda jew izjed;*

*(e) meta l-hati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jaghmel uzu minn armi regulari jew armi irregolari;*

*(f) meta l-persuna li fuqha jkun sar id-delitt, jew persuna ohra li tkun resqet biex taghtiha ghajjut, tigi offiza fuq il-persuna;*

***(g) meta d-delitt isir fuq persuna li tkun minuri;***

***(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':***

*(i) il-konjugi attwali jew eks konjugi, sieheb f'unjoni civili, jew koabitant; jew;*

*(ii) l-hu jew l-oht; jew*

*(iii) axxendent jew dixxendent; jew*

*(iv) xi persuna ohra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-hati; jew*

***(v) xi persuna ohra li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-ħati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat;***

*(vi) persuna ohra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal hati kemm bil-hsieb li tizzewweġ u kemm jekk le;*

*(vii) persuni phra li jigu minn xulxin mid-demm jew bi zwieg sat-tielet grad inkluzivament:*

*Izda li f'dan il-paragrafu "konjugi" tinkludi lill-persuna li z-zwieg taghha mal-hati jkun gie xolt jew dikjarat null;*

*(i) meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir;*

***(j) id-delitt, jew id-delitti relatati, saru ripetutament;"***

## Atti Sesswali minghajr Kunsens

Illi m'hemmx dubju li l-atti li spjegat sija quddiem il-Pulizija kif ukoll taht gurament fil-Qorti huma atti ta' natura sesswali ghaliex minghajr ombra ta' dubju it-tokkamenti fuq is-sider tal-minuri -Omissis- ghal xi tliet darbiet jikkwalifikaw taht din id-definizzjoni. Att sesswali iehor taht din id-definizzjoni li spjegat il-minuri kien it-tokkament fuq il-warrani tal-istess minuri. Dawn l-atti saru kollha minghajr il-kunsens esplicitu jew implicitu tal-minorenni. Di più jissussisti wkoll aggravju iehor li l-imputat kien jikkoabita ma' omm il-minuri u d-delitt sar fuq bintha. Illi wkoll ma hemmx dubju li l-età tal-minorenni

giet stabbilita f'dawn il-proceduri ossija li din twieldet fit--Omissis- u ghalhekk meta sar ir-reat din kellha hmistax (15)-il sena.

Illi kif ser jinghad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza l-verzjoni tal-minuri -Omissis- qed tigi meqjusa bhala wahda kredibbli ghal diversi ragunijiet.

**<u>Kredibilità tal-verzjoni tal-minuri -Omissis-</u>**

Illi l-verzjoni tal-minuri -Omissis- kienet dejjem wahda konsistenti fl-intier taghha wisq aktar meta d-dettalji li tat fid-diversi stanzi ta' meta rrakkontat il-verzjoni taghha kienu sostanzjali u mhennija b'dettalji. Illi l-minuri fil-fatt irrakkontat dan l-abbuz meta sar ir-rapport fuq vjolenza domestika mill-istess imputat u kien hemmhekk li sabet il-kuragg u tkellmet. Hija pprovdiet ukoll ritratt li juri id l-imputat tmiss sidirha li dan ir-ritratt gie esebit fl-atti. Illi l-imputat qatt ma kkontradica jew xejjen dan ir-ritratt wisq anqas qatt ma giddeb il-verzjoni tal-minuri ghalkemm kien evaziv fuq l-entità u l-iskop tal-atti tieghu fuq l-istess minuri. Dan fil-fatt jammetti li dawn it-tokkamenti saru kif ukoll li dahal fuq il-minuri meta hija kienet fil-kamra tal-banju u jghid is-segwenti fl-istqarrija tieghu:

*"<u>Spettur Sherona Buhagiar</u>: Tista tispjegali allura l-hsieb trid tikkonvincini inti ghalfejn il-hsieb li ghamilt inti li ghadek kif ghidt ghamilt gieli dahhalt idejk hawn taht il-flokk, ghalfejn ma kienx sesswali fil-fehma tieghek? Ghax jiena jekk jigi xi hadd idahhal idu l-partner t'ommi u jdahhal idu hawn, fhimt, nahseb intih xi daqqa go wiccu mhux inhallih jew noqghod nidhak, issa hallieha, anki jekk dahkitlek xorta hazin. X'ma fihiex sesswali din fil-fehma tieghek jigifieri din?*

*<u>Akkuzat</u>: Ghax m'ghamiltx bi skop hazin.*

*. . .*

*<u>Akkuzat</u>: Dahhalt idejja taht il-flokk ma bqajtx tiela' s'hawn fuq ta, dahhaltha hawnhekk minn fejn din il-bicca fejn qed nurikhom jien hawnhekk.*

*. . .*

*<u>Spettur Dorianne Tabone</u>: Jigifieri qatt m'ghafastilha sidirha.*

*<u>Akkuzat</u>: Gieli qbadtha bin-nejk imma l-parti ta' wara nahlef . . . .*

*. . .*

*<u>Akkuzat</u>: Iva imma jiena mmissha bdejt mhux b'dak l-iskop biex noqghod naqbdilha z-zejza.*

*. . .*

*<u>Spettur Dorianne Tabone</u>: Inti ghidtilna li ddejqet u kienet titlaq l'hemm issa inti u titkellem. X'kien jigri wara li kont toqghod taghmel hekk jigifieri wara li kont toqghod tgharaxa u tmissha u hekk? X'kienet taghmel hi?*

*<u>Akkuzat</u>: Xejn titlaq l'hemm."*

A rigward ir-ritratt esebit mill-minuri dan jghid:
*"<u>Spettur Dorianne Tabone</u>: Qed tgharaxa hemmhekk? Ghax tafasielha qieghed iz-zejza naqblu?*

*<u>Akkuzat</u>: Uhh nafasielha ma nahsibx li hemmhekk qed nafasielha z-zejza b'vendikazzjoni jew bi skop.*

*<u>Spettur Dorianne Tabone</u>: Issa inti f'dak ir-ritratt.*

*<u>Akkuzat</u>: Mhux minn taht il-flokk, minn fuq il-flokk.*

*<u>Spettur Dorianne Tabone</u>: Eh jigifieri accettabbli? Ara tigix taghmilha lili ha nurik kemm hi cajta.*

*<u>Akkuzat</u>: Le mhux accettabbli".*

Illi dan kollu jaghti aktar sahha u veracità lid-depozizzjoni tal-minuri -Omissis- fejn jidher bic-car li ghalkemm l-imputat ammetta l-atti li bihom gie attribwit però jipprova jpingiha illi huwa kien jiccajta. Illi bir-rispett kollu tali argument huwa fallaci u m'ghandux jigi kkunsidrat ghaliex l-imputat kien ben konxju tal-fatt illi l-vittma kienet minorenni, kienet ukoll it-tifla tas-siehba tieghu u l-atti maghmulin minnu kellhom konnotazzjoni sesswali ghaliex imissu parti intima tal-minuri. Li kieku ried jiccajta maghha kien jaghmel hekk b'mezzi ohra aktar leciti u normali!

Illi apparti dan kollu li ntqal fl-istqarrija, il-verzjoni tal-minuri qatt ma giet kontradetta jew imgiddba mid-difiza jew mill-verzjonijiet taghha stess. Hija tghid illi ddecidiet li tirrakkonta kollox mhux ghax kellha xi haga kontra l-imputat jew biex tehles minnu izda ghaliex ma kinitx tiflah aktar l-agir tieghu fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront ta' ommha u ohtha li kien dejjem jghajjar.

Id-difiza kellha kull opportunità li ttella' kull xhud possibbli sabiex tipprova xxejjen il-kredibilità tal-minuri izda dan ma sarx. Ma talbitx lanqas li jixhed l-imputat ghalkemm dan kellu d-dritt li jibqa' sieket izda f'dawn it-tip ta' proceduri l-fatt li imputat jixhed u jipprovdi verzjoni ohra tghin aktar lill-Qorti biex tevalwa s-sitwazzjoni b'mod aktar analitiku ghalkemm huwa minnu li minhabba nuqqas da parti tad-difiza l-provi taghhom gew maghluqa. Wisq anqas ma giet ipprezentata l-ebda nota ta' sottomissjoni hekk kif inghataw il-fakultà biex jaghmlu.

Illi f'dan il-kuntest ta' kredibilità qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara**[8] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti (ghalkemm f'dan il-kaz il-kunflitt huwa wiehed minimu ghall-ahhar) u cioè *"jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il- verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura*

[8] Deciza 9 ta' Settemnru 2002.

*jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor."*

Illi l-Qorti applikat dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[9] u cioè:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi*

[9] Deciza 31 t'Ottubru 2013.

*ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

Illi ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti thoss illi l-verzjoni tal-minuri -Omissis- ghandha mis-sewwa u ghalhekk ser tehodha bhala wahda veritiera tal-fatti.

**Akkuzi kontravenzjonali (Akk 4, 5 u 6)**

Illi l-prosekuzzjoni kienet ghaqlija illi l-atti fil-konfront tal-imputat meta sar l-argument nhar it-tnax (12) t'April tnizzilhom bhala akkuzi kontravenzjonali ghaliex ghalkemm dawk l-ingurji u t-theddid ma kinux ta' entità li jimmeritaw akkuzi aktar gravi, xorta wahda jitqiesu bhala insidjuzi u bla bzonn. Fil-fatt l-imputat stess jammetti fl-istqarrija tieghu illi dan beda jghajjat u hedded lis-siehba tieghu kif ukoll lil -Omissis- b'missierha.[10]

Ghaldaqstant, ghalkemm l-akkuzi kollha gew ippruvati oltre d-dubju dettat mil-Ligi, ghal xi raguni l-Avukat Generali ma addebitax ir-reat kontinwat fin-nota tieghu u ghalhekk stante li dan kien jinvolvi piena aktar oneruza fuq

[10] Pagna 3 u 4 tal-istqarrija tal-imputat.

l-imputat, din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 17, 207, 251A(1)(c), 202(g)(h)(v)(j), 251H(b)(d), 251A(1)(e), 222(1)(a), 251HA, 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kollha u stante illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel akkuza u stante li anke r-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi huma assorbiti fl-akkuzi l-ohra, tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin u hames (5) xhur prigunerija effettivi.

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat -Omissis- jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**